MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2009

Numru 1132/2006

Il-Pulizija
(Spettur Anthony Portelli)

vs

Mario Gauci

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 324668(M), akkuzat talli:

1. nhar l-10 f’San Pawl il-Bahar nhar is-7 ta’ Marzu 2006, f’xi hin bejn is-1:00p.m. u 4:00p.m. ikkommetta serq ta’ diversi oggetti mir-residenza sitwata gewwa ‘The Waterfront’, flat no 16, Triq Stella Maris, San Pawl il-Bahar, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-lok u bil-valur li jeccedi Lm1,000, u dan sar ghad-detriment ta’ Charles Stanley Richardson u persuni ohra;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix il-Lm50, u li saret ghad-detriment ta' l-imsemmi Charles Stanley Richardson;
3. fil-jiem ta' qabel l-20 ta' Marzu 2006, xjentament laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, u cioé laqa ghandu mobile phone tal-ghamla Nokia 6820a, liema mobile phone gie rapportat misruq mill-fond imsemmi cioé 'The Waterfront', flat no 16, sitwat Triq Stella Maris, San Pawl il-Bahar u dan sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentament b'kull mod li jkun indahal biex ibiegħu jew imexxieh;
4. rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9, b'sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Appell datata 11.05.1992 u mill-Qorti tal-Magistrati Malta (Magistrat A. Micallef Trigona LL.D) datata 05.09.2003, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-artikoli mahruga mill-Avukat Generali li bihom irrinvija l-atti quddiem din il-Qorti sabiex tiddeciedi dwar il-htija jew le tal-imputat ai termini tal-artikoli tal-ligi minnu citati u dan fin-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kienx qed jopponi li l-kawza tinstema u tigi deciza minn dina l-Qorti:

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

Ai termini tar-rinviju tal-Avukat Generali l-imputat hu akkuzat b'serq aggravat bil-mezz, valur u lok, ta' hsara volontarja, ta' ricettazzjoni u li hu recidiv.

Il-kaz jirrigwarda serqa li kienet saret minn appartament internament markat 16 f'korp ta' appartamenti jisimhom 'The Waterfront', siti Triq Stella Maris, San Pawl il-Bahar, f'xi hin bejn is-1:00 u l-4:00 ta' wara nofs inhar tal-jum 7 ta' Marzu 2006 ghad-dannu tal-koppja Richardson. Huwa fatt

assodat li s-serqa twettqet kif ukoll li s-suspett waqa fuq l-imputat wara li l-Pulizija kienet fil-kors tal-investigazzjonijiet irrisalit ghalih tramite telefon cellulari li kien parti mir-refurtiva li nstabet fil-pussess ta’ certu Clayton Camilleri. Il-kaz tal-prosekuzzjoni huwa mibni kollu kemm hu fuq il-pussess recenti tal-haga misruqa li hu meqjus bhala wiehed mill-indizji li juri li l-pussessur huwa l-halliel fin-nuqqas ta’ spjegazzjoni li turi xort’ohra. Però, sabiex tipprova l-kaz taghha l-prosekuzzjoni trid l-ewwel lok u invarjabilment tipprova l-kollegament tal-oggett misruq mal-persuna indizjata li hu presunt il-halliel f’kazi ta’ pussess recenti jekk ma jaghtix spjegazzjoni sodisfacjenti ta’ kif gie fil-pussess tal-haga.

mix-xhieda tal-ufficcjal prosekutur jemergi li s-suspett, sa hemmhekk fondat, fuq l-imputat, skatta fil-waqt li l-Pulizija kienu intraccaw ghand min kien it-telefon cellulari u minn hemm waslu ghall-imputat li nghad kien tah lil certu Krocifisso Baldacchino li a sua volta kien bieghu lil Clayton Camilleri. Fil-kors tal-kawza kemm Baldacchino u kemm Camilleri gew prodotti bhala xhieda mill-istess prosekuzzjoni. Permezz taghhom l-istess prosekuzzjoni kellha tipprova almenu l-kollegament bejn l-imputat u t-telefon cellulari sabiex ghal ta’ l-inqas tissostanzja kontra l-istess imputat l-indizju tal-pussess recenti li jirrisulta kienet il-bazi, anzi l-unika, fuq liema l-prosekuzzjoni kienet qed isserrah l-kaz taghha kontra l-imputat. fil-fatt l-ebda prova ohra kontra l-imputat ma tirrisulta mill-atti wisq anqas mill-istqarrija tieghu li hi dik li hi.

Ezaminata f’dan l-istadju x-xhieda ‘viva voce’ taz-zewg persuni fuq imsemmija ma jintrapella assolutament xejn dwar l-involviment tal-imputat fis-serqa meritu l-kawza u lanqas mat-telefon cellulari elevat minghand l-imsemmi Clayton Camilleri. L-imsemmi Krocefisso Camilleri meta xehed quddiem il-Qorti qal biss li l-istqarrija a folio 39 tal-process hija tieghu u gharaf fuqha l-firma tieghu kull fejn din tirrikorri. Hawnhekk, il-kwesit jigi awtomatiku. Irrispettivament mill-kontenut taghha tista’ stqarrija ‘per se’ tikkostitwixxi prova kontra terzi anka jekk guramentata? U r-risposta, skond dina l-Qorti, hija ‘le’ hlief eccezzjonalment fejn hekk tghid l-ligi. Di fatti l-principju

regolatur hu li stqarrijiet ta’ terzi (mhux l-akkuzat jew imputat), sija jekk guramentati jew le, m’ghandhon l’ebda valur probatorju, wisq inqas li jissostitwixxu x-xhieda ‘viva voce’, li, salv ghal dak provdut fl-Artikolu 646 tal-Kap 9, hija l-unika forma ammessa ta’ xhieda. Altrimenti, stqarrijiet ta’ terzi huma regolati u ammissibbli f’process kriminali ai termini ta’ dawk l-artikoli tal-Kodici ta’ Organizzazjoni u Procedura Civili resi applikabbli ghall-proceduri kriminali bl-Artikolu 645 tal-Kodici Kriminali.

Dan necessarjament igib li m’hemmx il-prova kontra l-imputat la li huwa ikkommetta s-serqa u lanqas li kien fil-pussess tat-telefon cellulari anka f’xi zmien ricenti s-serqa. Imbaghad, fin-nuqqas li l-imputat mhux ser jinstab hati tas-serqa, lanqas ma jista’ jinstab hati tal-akkuzat l-ohra, senjatament, tal-hsara volontarja, ta’ ricettazzjoni jew li hu recidiv.

Konsegwentament taqta’ u tiddeciedi billi tillibera lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------